

## RETTIFIKA

**Rettifika tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1 tal-20 ta' Ottubru 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista ta' oġġetti b'użu doppju**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 3 tas-6 ta' Jannar 2022)

Fil-paġna 142, fl-Anness, il-punt 3B001.f jinbidel b'dan li ġejj:

“f. Tagħmir litografiku kif ġejj:

1. Tagħmir ta' allinjament u ta' esponiment b'ripetizzjoni f'sekwenza (sekwenza kontinwa fuq il-pjastrina) jew ta' skennjar (skener) f'sekwenza għall-ipproċessar tal-pjastrini li juża metodi fotoottici jew bir-raġġi X u li għandu xi wieħed minn dawn li ġejjin:
  - a. It-tul tal-mewġa tas-sors tad-dawl iqsar minn 193 nm; jew
  - b. Kapaċi jipproduċi disinn b“Daqs Minimu ta' Element Riżolvibbli” (MRF) ta' 45 nm jew anqas;

Nota Teknika:

*Id-Daqs Minimu ta' Element Riżolvibbli (MRF) hu kkalkulat bil-formula li ġejja:*

$$MRF = \frac{\text{(tul tal-mewġa tas-sors tad-dawl ta' esponiment } f \text{ nm)} \times \text{(fattur } K)}{\text{apertura numerika}}$$

*fejn il-fattur K = 0,35*

2. Tagħmir litografiku tal-istampar li kapaċi jipproduċi elementi ta' 45 nm jew inqas;

Nota: 3B001.f.2. jinkludi:

- Għodod tal-istampar bil-mikrokuntatt
- Għodod tal-intaljar bis-sħana
- Għodod litografiċi għan-nanostampar
- Għodod litografiċi tal-istampar step and Flash (S-FIL)

3. Tagħmir iddisinjat apposta għall-produzzjoni ta' maskri li għandu dan kollu li ġejj:
  - a. Użu ta' raġġ ta' elettroni ffukat iddevjat, raġġ ta' joni jew raġġ tal-“laser”; u
  - b. Li għandhom xi wieħed/waħda minn dawn li ġejjin:
    1. Daqs ta' spot b'wisa' ta' nofs id-daqs (full-width half-maximum (FWHM)) iżgħar minn 65 nm b'kollokament ta' immaġni (image placement) ta' inqas minn 17 nm (medja + 3 sigma); jew
    2. Mhux użat;
    3. Żball ta' kopertura għat-tieni saffa ta' inqas minn 23 nm (medja + 3 sigma) fuq il-maskra;
4. Tagħmir iddisinjat għall-ipproċessar ta' apparat li juża metodi ta' kitba diretti, li għandu dan kollu li ġejj:
  - a. Raġġ ta' elettroni ffukat iddevjat; u
  - b. Li għandhom xi wieħed/waħda minn dawn li ġejjin:
    1. Daqs minimu ta' raġġ ugwali għal jew iżgħar minn 15 nm; jew
    2. Żball ta' kopertura ta' inqas minn 27 nm (medja + 3 sigma);”